# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GħAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* | IR-RABA' KTIEB TA' L-1925


# IS-SENGħA TAL-KITBA

*(Jorbot mal-faċċ. 6-9).*

MIRJA *(tissokta.)*

## IS-SULTAN LA VALETTE U L-BELT VALLETTA

( PROŻA )

> " Is-Sultan La Valette bena l-Belt Valletta u ħa ħsiebha bħal ma missier jieħu ħsieb bintu: żejjinha u għamilha qawwija quddiem l-egħdewwa tagħha. B'dana kollu, għaliex għadda ż-żmien u hi kibret u ssaħħet, donnha ma beqgħetx tagħarfu, la darba l ebda xbieha minquxa fir-rħam jew għal l-inqas fil-ġebel ma għamlet u żammet tiegħu".

Hekk, bejn wieħed u ieħor, kien jikteb qabel is-sena 1860,—mita tas-sew kien għad ma hawn ebda statwa ta' La Valette fil-Belt—kull wieħed li kien irid iċanfar xi ftit lill-Maltin u flimkien iwiddibhom li ma kienet xejn ħaġa xierqa illi min kien il-bidu tal-Belt u, biex ngħid hekk, rabbiha, ma kellux ix-xbieha tiegħu minquxa fil-ġebel jew fir-rħam u mqiegħda f'xi naħħa li tixirqilha.

Iżda dina kienet tkun *proża*; kliem biered u mejjet wisq għal min għandu qalb mixgħula, u jaf iħobb, u jagħraf il-ġid illi jaqla minn għand min iħobbu.

Isimgħu issa kif igħanniha l-poëta Gio. Antonio Vassallo :

## IS-SULTAN LA VALETTE LILL-BELT VALLETTA

(POEŻIJA)

Belt ta' qalbi, binti l-ħelwa,
  Jien minn qabri qomt narak,
  Tagħ'rfu xejn lill-missier tiegħek
  Li rabbiek u l-barka tak ?

Għaliex ġebla fik ma nara
  Illi xxebbah il-wiċċ tiegħi ?
  Fi kburitek għax insejtni ?
  X'kont tkun int li ma kienx driegħi ?

Jien għalik (u tafu d-dinja)
  Jiena kont l-akbar Sultan,
  Jien għollejtek fuq bliet oħra,
  Jien libbistek il-ħitan.

.................................................

Għal kemm ħdimt għalik, ja Binti,
  Għal kemm kienet ħelwa l-ħkima,
  Jien jidhirli li ma għandha
  Tonqos fik għalija l-qima.

F'bosta wħud, ja Binti, tfakkar
  Ma' dwar swarek lill-barrani,
  M'ekk irid jara l-wiċċ tiegħi
  Fejn tibagħtu biex jarani ?

Tajtek ġidi, tajtek għarqi,
  Tajtek demmi w-kull ma fija ?
  Biss nitolbok għal dan kollu
  Tal-wiċċ tiegħi xi turija.

B'liema saħħa u b'liema ħlewwa iqiegħdha ċ-ċanfira! b'liema mħabba ifakkar lill-Maltin f'dak kollu li La Valette għamel għall-Belt ta' Malta biex jagħniha, isebbaħha u jagħmilha qawwija li tkun tista' żżomm il-barra l-egħdewwa tagħha u tar-Reliġjon ! u b'liema

tjieba u għaqal iwiddibhom u jwissihom li ma għandhomx iżidu jonqsu minn dan id-dmir ewlieni tagħhom !

Il-*proża* ta' fuq tista' ġġiegħlek taħseb u tara illi tas-sew kien għajb għall-Belt Valletta li għal medda twila ta' snin ma kienet ħasbet qatt biex tqiegħed ġo ħdanha xi xbieha tas-Sultan La Vallette, bħala tifkira u twissija lill-barranin li jiġu Malta : iżda l-*poeżija* ta' l-aħħar taħsdek, tmurlek dritt ġo qalbek, iġġiegħlek tħoss iċ-ċanfira qawwija daqs kemm hi ħelwa, iġġiegħlek tistħi minn dak li kien imissu sar u baqa' bla magħmul, u fil-waqt illi ġġiblek fawra ta' demm f'wiċċek, tqabbiżlek id-dmugħ minn għajnejk fuq l-imġiba minngħajr ħsieb u minngħajr għaqal ta' dawk li aħna konna nixtiequ bla ħtija u bla tebgħa.

(jissokta.)

**Dun Karm.**

# ĦSIBIJIET ŻGĦAR

1.—IT-TALB

It-talb bħall-użin. Qiegħed pis ġo keffa, u itfa għabra tqiq ġo l-oħra. Il-miżien ma jitħarrekx. Itfa għabra oħra, u jarġa ma jitħarrekx, u hekk aktarx għal bosta drabi. Iżda fl-aħħar jasal ħin illi t-tqiq jagħleb u l-miżien jaqleb.

Hekk it-talb. Titlob darba u ma taqlax: titlob darb'oħra u tarġa ma taqlax, u hekk għandu mnejn għal bosta drabi oħra. Iżda fl-aħħar tiġi siegħa mita l-qawwa tat-talb tirbaħ, u l-grazzja tinżel.

**Dun Karm.**